MALTA

# FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 22 ta' Novembru 2018**

Rikors Numru 141/2018

**Fortia Investments Limited**
**(C-68748)**

**vs**

**United Game Tech plc (C-72557)**
**u**
**UGT Services Limited (C-83692)**

Il-Bord,

### Premessi

1. Ra ir-rikors promotur ippresentat fl-24 ta' Settembru 2018 fejn is-socjeta rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta' kuntratt ta' sullokazzjoni datat 13 ta' Novembru 2017 (hawn annessu mmarkat bhala Dok. "FIO1") ir-rikorrenti kienet kriet is-suite numru ghaxra (10), gewwa The Penthouse', Level 4, Ewropa Business Centre, Triq Dun Karm, Birkirkara, u seba' (7) parking spaces fl-istess kumpless, lill-intimata United Game Tech plc, versu l-kera ta' tnax-il elf, sebgha u erbghin Ewro u tmenin centezmu (€12,047.80) VAT inkluz [€11,387 inter alia ghas-suite numru ghaxra (10) u 94.40 ghal kull parking space] fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem u bil-kundizzjonijiet imnizzla fl-istess kuntratt;*

    2. *Illi r-rikorrenti kienet ukoll accettat it-talba illi l-intimata UGT Services Limited (li hija sussidjarja ta' United Game Tech ple) ssir, titqies u/jew tidhol bhala ko-inkwilina tal- istess suite u parking spaces;*

3. *Illi l-intimati, jew min minnhom, huma moruzi fil-hlasijiet lir-rikorrenti: tal-iskadenzi tal- kera mill-1 ta' Marzu 2018 sal-24 ta' Settembru 2018 ammontanti ghal wiehed u tmenin elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u erba' centezmi (€81,925.04), u tar-rimborsi ghal konsum ta' dawl u ilma, kirjiet tal-meters relattivi, manutenzjoni, tindif u rimborsi ohra ammontanti ghal disat elef mija u disgha u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€9189.25) [total ta' wiehed u disghin elf, mija u erbatax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€91,114.29)]:*

4. *Illi ghalkemm diversi drabi interpellati, anke permezz tal-ittra ufficjali tad-19 ta Settembru 2018, sabiex ihallsu l-ammonti fuq imsemmija, l-intimati bagghu inadempjenti.*

5. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, jghidu 1-intimati ghaliex ghar-ragunijiet fuq indikati dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:*

i. *Jiddikjara illi l-intimati in solidum bejniethom, jew min minnhom, ghandhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' wiehed u disghin elf, mija u erbatax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€91,114.29) rapprezentanti: skadenzi ta' kera (pagabbli bil- quddiem) ghall-fuq imsemmija suite numru ghaxra (10) u seba' parking spaces mill-1 ta' Marzu 2018 sal-24 ta' Settembru 2018 (€81,925.04) u konsum ta' dawl u ilma, kirjiet tal-meters relattivi, manutenzjoni, tindif u rimborsi ohra (€9189.25)*

ii. *Jordna lill-intimati in solidum bejniethom, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti l- ammont ta' wiehed u disghin elf, mija u erbatax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€91,114.29) rapprezentanti: skadenzi ta' kera (pagabbli bil-quddiem) ghall-fuq imsemmija suite numru ghaxra (10) u seba' parking spaces mill-1 ta' Marzu 2018 sal- 24 ta' Settembru 2018 (81,925.04) u konsum ta' dawl u ilma, kirjiet tal-meters ii. relattivi, manutenzjoni, tindif u rimborsi ohra (€9189.25);*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati in solidum bejniethom, jew min minnhom, inkluzi dawk tal-ittra mmonti fuq ufficjali datata 19 ta' Settembru 2018; bl-imghax legali dekoribbli minn meta l-ammonti fuq imsemmija kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv; u b'rizerva ghal kull ammont u/jew azzjoni ulterjuri, spettanti lir-rikorrenti kontra l-initmati, jew min minnhom, li huma ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni*

2. Ra illi l-Bord appunta r-rikors ghat 22 ta' Ottubru 2018 u ordna n-notifika lill-kontro parti illi giet ordnata tirrispondi sas-seduta.

3. Ra illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018, is-socjeta intimati talbu illi jippresentaw l-eccezzjonjiet taghhom.

4. Ra illi fid 19 ta' Novembru 2018 is-socjeta intimati ppresenta nota illi biha ddikjaraw illi kienu qed jammettu t-talbiet kif dedotti.

5. Ra illi fid-19 ta' Novembru 2018 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum abbazi ta' tali ammissjoni.

## Konkluzjoni

Il-Bord,

Wara illi ra in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta intimati United Game Tech plc u UGT Services Limited ippresentata fid 19 ta' Novembru 2019, tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi,

**Tilqa** t-talba attrici ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez, u ghalhekk

**Tiddikjara** illi s-socjeta intimati in solidum bejniethom ghandhom ihallsu lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' **wiehed u disghin elf, mija u erbatax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€91,114.29)** rapprezentanti is-somma ta' €81,925.04 skadenzi ta' kera pagabbli bil- quddiem ghall-fuq imsemmija suite numru ghaxra (10) u seba' parking spaces mill-1 ta' Marzu 2018 sal-24 ta' Settembru 2018 kif ukoll is-somma ta' €9189.25 ghall-konsum ta' dawl u ilma, kirjiet tal-meters relattivi, manutenzjoni, tindif u rimborsi ohra; u ghalhekk

Tordna lis-socjeta intimati United Game Tech plc u UGT Services Limited in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta rikorrenti Fortia Investments Limited l-ammont ta' **wiehed u disghin elf, mija u erbatax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€91,114.29)** rapprezentanti sommom dovuti kif fuq ahjar deskritti.

**Spejjes u Imghax** kif mitluba mis-socjeta rikorrenti huwa dovuti mis-socjeta intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur